MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Numru. 1149/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**
**VS**
**JAMES BUHAGIAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

James Buhagiar bin John Mary u Mary Anne Chetcuti, mwieled tal- Pieta', residenti John Mary, Triq tal- Bdiewa, Mosta u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 153891M;

Talli;

1) nhar l- 1 ta' Jannar 2010 ghall- habta ta' bejn is- 2.00am u s- 2.30am waqt li kien qieghed isuq vettura li ggib numru JMS-900 matul Triq Burmarrad, Burmarrad, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar- regolamenti tat- traffiku, habat ma' vettura li ggib numru CBJ 958 bil- konsegwenza li kkaguna offizi ta' natura gravi u ta' dizabilita permanenti fuq il- persuna ta' Raymond Aquilina minn San Pawl il- Bahar u dan skont ma kif verbalment iddikjara t- tabib Dr. Jonathan Joslin MD tal- isptar Mater Dei;

2) u aktar talli fl-istess data, hin u lok kkaguna hsara nvolontarja fuq il- vettura li ggib numru CBJ 598 u dan ghad- dannu ta' Raymond Aquilina;

3) u aktar talli fl- istess data, hin u lok, saq vettura li ggib numru JMS- 900 fuq in- naha tal- lemin tieghu u dan bi ksur tal- Artikolu 75 tal- Avviz Legali 65.11 u talli saq l- istess vettura b' sewqan  perikoluz u traskurat;

4) u aktar talli fl- istess data, hin u lok saq jew ippruva jsuq jew kellu kontroll tal- vettura JMS 900 fi triq jew f' post pubbliku meta ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb;

5) aktar talli fl- istess data, hin u lok saq jew ippruva jsuq jew kellu kontroll tal- vettura li ggib numru JMS 900 fi triq jew f' post pubbliku wara li kkunsma tant alkohol li l- proporzjon tieghu fin- nifs, fid- demm jew fl- urina kien izjed mil- limitu preskritt fil- Ligi;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-Proces Verbal esebit fl-atti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar htija w piena;

**Ikkonsidrat:**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fil-lejl ta’ l-ewwel tas-sena 2010, fis-sieghat bikrin ta’ filghodu, sehh incident awtomobilistiku fi Triq Burmarrad, Burmarrad. Il-vettura misjuqa minn James Buhagiar, l-imputat, kienet qed tinstaq fid-direzzjoni minn San Pawl il-Bahar tiela’ ghall-Mosta, meta sabet ruhha fil-karreggjata opposta u habtet “head on” mal-vettura misjuqa minn Raymond Aquilina. Per konsegwenza ta’ dan l-incident, iz-zewg sewwieqa sofrew griehi gravi, u wara li l-Pulizija lestiet l-investigazzjoni taghha, ittiehdu dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Mil-provi prodotti jidher car ghall-Qorti li l-incident sehh tort unikament tal-imputat. Ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika ghalfejn il-vettura tieghu, tat-tip “Land Rover”, spiccat dahlet fil-karreggjata opposta. Id-difiza allegat li kien Aquilina li hareg mill-karreggjata tieghu u dahal fit-triq tal-imputat, u l-imputat ipprova jevitah billi johrog hu ‘l barra mill-karreggjata tieghu ghal dik opposta. Kif gara hekk, tghid id-difiza, Aquilina rega’ mar lura ghall-karreggjata tieghu  u b’hekk sehh l-incident. Din il-verzjoni hi ghal kollox inverosimili. Il-mod kif spiccaw iz-zewg vetturi wara l-kollizjoni turi bic-car li Buhagiar naqas milli jzomm il-kontroll fuq il-vettura tieghu, u dahal fil-vettura misjuqa minn Aquilina. Din tal-ahhar fil-fatt spiccat imbuttata ghal kollox ghall-genb tat-triq, fuq in-naha korretta taghha. Dan juri li Aquilina kien qed isuq sew mal-genb tax-xellug tieghu. Hu ma seta’ jaghmel ebda manuvra biex jevita l-impatt, li mid-dokumenti esebiti u mill-provi kollha prodotti, jidher li kien wiehed vjolenti u konsiderevoli, tant li Aquilina f’hin minnhom kien indikat li kien fil-perikolu tal-mewt. B’xorti tajba, hu ma tilefx hajtu f’dan l-incident, izda sofra debilita’ gravi u permanenti kawza ta’ hekk. Ghalhekk, jidher li l-ewwel zewg imputazzjonijiet jirrisultaw ampjament ippruvati.

Kwantu ghat-tielet imputazzjoni, din ukoll tirrizulta ppruvata. Il-livell ta’ sewqan traskurat u perikoluz huwa evidenti ghall-ahhar mid-dinamika tal-incident innifsu. U

dan apparti l-fatt li l-imputat kien qed isuq vettura daqshekk kbira u b'sahhitha bhal ma hi "Land Rover", biex it-toqol tal-istess vettura tohloq momentum konsiderevoli, tant li jekk il-velocita' tkun wahda eccessiva, bhal ma kien dan il-kaz, din issir ghal kollox inkontrollabbli. Ghal dawn l-ewwel tlitt imputazzjonijiet, l-imputat kien irregistra ammissjoni fl-ahhar stadju tas-smigh tal-provi. Apparti minn hekk, pero', il-provi f'dan ir-rigward kienu cari u univoci.

Izda li jaghmel dan il-kaz wiehed gravi ghall-ahhar, f'ghajnejn din il-Qorti, huwa proprju r-raba' u l-hames imputazzjonijiet, li huma komprizi u involuti f'xulxin, u ghalhekk il-Qorti ser tittrattahom flimkien, u bhala piena ser tinghata wahda. L-imputat kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb, kif irrisulta mill-esami mediko-legali tieghu mill-espert tal-Qorti t-tabib Mario Scerri, fir-relazzjoni tieghu esebit fil-Proces Verbal. Jirrizulta, ghalhekk, li l-imputat kien taht l-influwenza tal-alkohol, qed isuq vettura "Land Rover" b'mod perikoluz – anke b'velocita' eccessiva – u b'hekk irrenda ruhu arma letali fit-triq, ta' perikolu assolut ghal kull min jinzerta ghaddej minn hdejh.

Fil-fehma tal-Qorti, dan l-agir m'ghandu jwassal ghal xejn hlief ghal kundanna shiha, u piena massima possibbli ta' prigunerija. Dawn l-imputazzjonijiet igibu maghhom piena ta' sitt xhur prigunerija ghall-ewwel imputazzjoni, u piena ta' tlitt xhur prigunerija ghal kull wahda mill-imputazzjonijiet l-ohra, bir-raba' u l-hames jigu assorbiti f'xulxin. Inoltre, il-Qorti sejra wkoll taghti l-piena tal-multa, kif ukoll sejra tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat. L-unika konsiderazzjoni li ghandha l-Qorti hi jekk ghandhiex iddahhal fis-sehh immedjat il-piena ta' prigunerija, jew ghandhiex thalli l-effetti taghha sospizi sabiex isservi ta' taghlima severa u ta' deterrent effettiva ghall-imputat, tenut kont l-eta' tenera tieghu u l-fedina penali assenti mill-atti. Il-Qorti hija propensa tiehu din l-ahhar triq, u thalli s-sentenza ta' prigunerija sospiza. Madankollu, il-Qorti trid ukoll tibghat messagg car lis-socjeta' li assolutament mhuwiex permissibbli jew accettabbli li jithallew persuni fit triq fis-sakra jsuqu vetturi

b'mod perikoluz ghall-ahhar, u jhassru l-hajja ta' terzi persuni ghal xejn b'xejn. Ghahekk din il-Qorti qed tkun tant severa mal-imputat, izda fl-istess waqt qed thallilu l-opportunita' li ma jservix piena ta' prigunerija immedjata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 328(b) u (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikoli 15(1)(a), (2), (3), 15A u 15B tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah terminu ta' hmistax (15)- il xahar prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah inoltre multa ta' elf ewro (€1,000).

Tordna l-iskwalifika tal- licenzja tas- sewqan tal-imputat ghall-perijodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------